MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2009

Numru 577/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa**
v

**NAZZARENO sive RENO BUHAGIAR**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **NAZZARENO sive RENO BUHAGIAR** ta' disgha u tletin sena bin Joseph u Vincenza nee Baldacchino, imwieled Pieta nhar t-tlettax ta' Ottubru 1970 u residenti 'Freddie Helly', Flat 2, Triq Notabile, H'Attard, detentur tal-karta tal-identita numru 442470M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar t-tmintax ta' Marzu 2006, u fil-granet ta' qabel fuq il-Monti fil-Belt Valletta u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebhin b'qerq u cioe diversi DVD’s, CD's ecc;

2. Talli bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, mmanifattura, dduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra u cioe DVD’s CD’s ecc, bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe *Twentieth Century Fox Film Corporation* u socjetajiet ohra, li taghhom s-socjeta Patrick J. Galea Advocates rappresentata minn Dotter Patrick J. Galea LL D et hija rappresentanti, protetti bil/jew taht l-ligi ta' Malta;

3. Talli fl-istess perjodu, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih nnifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra u minghajr l-kunsens tal-proprjetarju, applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom, sinjal identiku ghal, jew li x’aktarx jithawwad ma trademark registrata, jew biegh jew ikkreja, offra jew espona ghal bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal bhal dak.

4. Talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati ghaxra t’Ottubru 2000, ghoxrin ta’ Settembru 2001, disgha ta’ Mejju 2002, erbatax ta’ Jannar 2003, sitta w ghoxrin ta’ Novembru 2003, disgha w ghoxrin ta’ Marzu 2004, hamsa w ghoxrin ta’ Novembru 2004 u tnejn w ghoxrin ta’ Marzu 2005, erbatax ta’ Frar 2006, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija thassar l-licenzja jew inkellha tissospendi tali licenzja ghal zmien hekk kif kontemplat fl-arikolu 31 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija barra milli tinfliggi l-piena idoneja skond l-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti kif wkoll tikkundanna lil imputat ihallas

l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta’ periti jew esperti nominati minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn ta’ Gunju 2006 a fol. 20 tal-atti sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta, kif wkoll l-fedina penali tal-imputat a fol. 3 et seq tal-atti.

Semghet lil imputat jiddikjara waqt l-ezami li sarlu mill-Qorti nhar s-sbatax ta’ Lulju 2006 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita (fol. 24).

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum, t-tlettax ta’ Mejju 2009, kif registrata fl-istess verbal tas-seduta ta’ llum.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil Prosekuzzjoni fis-seduta ta’ llum, tiddikjara li kienet qed taqbel mad-difiza li peress li llum l-gurnata l-imputat m’ghadux jarma fuq il-Monti u m’ghadux bl-istess generu ta’ negozju u li llum il-gurnata l-imputat rriforma ruhu, l-piena idoneja f’dan il-kaz ghandha tkun dik ta’ multa oltre l-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap 9 dwar spejjes peritali.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 49, 50, 298(1)(f) u 298B(1) tal-Kap 9 u l-artikolu

72(1) tal-Kap 416 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat NAZZARENO BUHAGIAR hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundanah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt euro (€500).**

**Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed taghti l-fakulta lil imputat ihallas l-multa nflitta fuqu llum, f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt [100] Euro u f'kaz li l-imputat jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**
**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe tal-espert Martin Bajada [fol. 63] fl-ammont komplessiv ta' sittin lira maltin u erbghin centezmu ekwivalenti ghal mija disgha w tletin euro u sitta w sebghin euro centezmu [€139.76**] **u dan fi zmien tlett (3) xhur mill-lum u jekk l-imputat jonqos li jhallas dan l-ammont, l-istess jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**Finalment tordna wkoll d-distruzzjoni tad-dokument Dok Z esibit a fol. 71 tal-atti w ghalhekk tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jeffettwa tali distruzzjoni, b'dan li l-istess Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax il-jum mill-lum u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet Il-Pulizija v Anthony Joseph Portelli.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------